



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2017/2159(DEC)

25.1.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtoritè Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2016
(2017/2159(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

PA_NonLeg

PE612.235v02-00

2/6

AD\1144033MT.docx

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ammonta għal EUR 79,4 miljun, li jirrapreżenta tnaqqis ċkejken meta mqabbel mal-2015 (- 0,2 %); jinnota li l-livell ta' eżekuzzjoni tal-impenji baġitarji fi ħdan l-Awtorità jamonta għal 100 % (meta mqabbel ma' 99,8 % fl-2015) u l-eżekuzzjoni tal-appoprjazzjonijiet ta' pagament laħqet 89,7 % (meta mqabbel ma' 90,1 % fl-2015);
2. Jinnota bi tħassib li l-aġenziji regolatorji tal-Unjoni responsabli mill-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti regolati, b'mod partikolari l-Awtorità u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), m'għandhomx bizzżejjed riżorsi biex iwettqu b'mod effikaċi dawn ir-responsabbiltajiet; l-Awtorità u l-ECHA għandhom għalhekk jingħataw bizzżejjed riżorsi sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom;
3. Jilqa' l-kontribut tal-Awtorità għas-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-għalf tal-Unjoni, u l-isforzi konsiderevoli tagħha fil-forniment ta' konsulenza xjentifika komprensiva, indipendenti u aġġornata dwar kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-ikel lill-manġers tar-riskju tal-Unjoni, permezz ta' komunikazzjoni ċara lill-pubbliku dwar ir-riżultati tagħha u l-informazzjoni li fuqha huma bbażati, u permezz tal-kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati u sħab istituzzjonali bil-għan li tippromwovi l-koerenza u l-fiduċja fis-sistema tas-sikurezza tal-ikel tal-Unjoni;
4. Jilqa' t-titjib tar-rata ta' okkupazzjoni tal-persunal statutorju meta mqabbel mal-2015 (+0,6 %), li tilħaq 95,3 %, li ppermettiet tpaċċija parpjali tal-isfida f'terminu ta' riżorsi umani;
5. Jinnota li fl-2016, 74 % tal-persunal kien iddedikat għall-attivitajiet operattivi, u li dan il-perċentwal, għalkemm kemxejn taħt l-objettivi għal dik is-sena (75 %), jirrapreżenta titjib meta mqabbel mal-2015;
6. Jissottolinja li l-Awtorità pproduċiet 481 produzzjoni xjentifika, rapporti tekniċi u pubblikazzjoni oħra, u għalqet 382 kwistjoni xjentifika; jinnota li l-proporzjon ta' produzzjonijiet u kwistjonijiet adottati fil-ħin kien inqas mill-objettiv tal-2016, u li l-puntwalità tal-pariri xjentifiċi għad għandha bżonn li titjeb;
7. Jinnota li fl-2016 l-Awtorità adottat l-istratxija bl-isem "EFSA Strategy 2020: trusted science for safe food" (Strateġija 2020 tal-EFSA: Xjenza fdata għal ikel sigur), ibbażata fuq ġumes objettivi strateġiċi: tingħata prioritā lill-involviment tal-pubbliku u tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess ta' valutazzjoni xjentifika, titwessa' l-bażi ta' evidenza tal-Awtorità u jiġi ottimizzat l-aċċess għad-data tagħha, tinbena l-kapaċitā ta' valutazzjoni xjentifika u l-komunità ta' konoxxenza tal-Unjoni, issir tħejjija għall-isfidi futuri fil-qasam tal-valutazzjoni tar-riskju u jinħoloq ambjent u kultura li jirriflettu l-valuri tal-Awtorità;
8. Jinnota li l-adozzjoni tal-politika riveduta tal-indipendenza tal-Awtorità, inizjalment programmata għall-2016, ġiet riprogrammata għal nofs l-2017;

9. Jemmen li l-Awtorità għandha tibqa' tagħti attenzjoni speċjali lill-opinjoni pubblika, u timpenja ruħha li tkun mistuha u trasparenti; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li fl-2016, il-maħżen virtwali tad-data xjentifika tal-Awtorità ta' aċċess għal aktar evidenza li tirfed il-valutazzjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità, billi bosta ġabriet ta' data ġew ippubblikati, dwar pestiċidi, kontaminanti, perikli kimiċi, kompożizzjoni tal-ikel, tipizzazzjoni molekulari u sustanzi u prodotti botaniċi; il-ġurnal tal-Awtorità għaddha għand pubblikatur xjentifiku internazzjonali bil-għan li jiżdiedu l-kwalità tal-pubblikazzjoni u l-portata; il-linji gwida dwar l-awturi u l-kontributi tal-atti xjentifiċi tal-Awtorità ġew rieżaminati biex jiżdiedu t-trasparenza u l-ftuħ; l-Awtorità nediet il-komunità "Knowledge Junction", li huwa arkivju għall-iskambju tal-evidenzi u tad-dokumentazzjoni ġustifikattiva użati fil-valutazzjonijiet tar-riskji relatati mas-sikurezza tal-ikel u tal-ġħalf; jinkoragħixxi lill-Awtorità tagħmel progress ulterjuri f'dan is-sens;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi dibattitu politiku mal-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex tirrieżamina l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatata mal-valutazzjoni tar-riskju għall-ikel, is-sustanzi kimiċi u l-prodotti relatati u l-effikaċċja ta' din il-leġiżlazzjoni;
11. Jisħaq fuq il-fatt li fl-2016 l-Awtorità rrieżaminat il-pjattaforma konsultattiva tal-partijiet ikkonċernati tagħha, li ġiet żarmata biex joħdilha postha approċċ ġdid ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati, u sa tmiem l-2016 'il fuq minn 80 organizzazzjoni esprimew interess li jissieħbu f'dan il-qafas il-ġdid;
12. Jilqa' r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2016; jilqa' b'mod partikolari l-assigurazzjoni mhux ikkwalifikata pprovduta kemm dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' dawk il-kontijiet; jilqa' wkoll l-impenn tal-Awtorità li timplimenta l-pjan ta' azzjoni rakkommandat mill-Qorti tal-Audituri biex "tintroduċi qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-IT u reġistru tar-riskji fi ħdan l-organizzazzjoni kollha u sabiex tissepara l-funzjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni mill-unità tal-IT";
13. Jinnota li l-Awtorità tat-biss aċċess parpjali għall-informazzjoni mitluba mill-Membri tal-Parlament Ewropew fl-2016 b'rabta mal-istudji li hija kienet użat sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-karċinoġeniċità tas-sustanza attiva glifosat; jinnota li l-Membri tal-Parlament Ewropew ikkonċernati għalhekk ressqu l-każ quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;
14. Jirrakkomanda, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, li l-kwittanza tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 39 7 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Stefan Eck, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Arne Gericke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jääteenmäki, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Peter Liese, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănasescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Gentile, Martin Häusling, Norbert Lins, Nuno Melo, Ulrike Müller, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jiří Maštálka

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

39	+
ALDE	Anneli Jäätteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries
GUE/NGL	Stefan Eck, Jiří Maštálka
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Nuno Melo, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Seb Dance, Elena Gentile, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănasescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Marco Affronte, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor

7	-
ECR	Arne Gericke, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska
EFDD	Piernicola Pedicini, Julia Reid

1	0
ECR	Julie Girling

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni